Id-Disinjatur tal-Bankun

# Is-Surmast Carmelo Tonna

Tagħrif miġbur minn Ġanni Bonnici

Carmel Tonna (1901-1973), disinjatur u skultur, twieled ir-Rabat, Malta minn ġenerazzjonjiet ta' artiġġjani fix-xogħol ta' l-injam u l-modellatura ornamentali fil-gibs u l-ġebla. Dawn għaddew is-sengħa u l-ħiliet tagħhom minn ġenerazzjoni għall-oħra.

Minn ċkunitu, Karmenu tħarreġ u kiseb esperjenza mix-xogħlijiet artistiċi li nħadmu fil-ħanut tal-familja tiegħu għall-knejjes u għal diversi vilel f'Malta u Għawdex. Kien għadu żagħżugħ meta beda karriera fit-tagħlim tad-disinn fl-iskejjel primarji u sekondarji tal-Gvern, waqt li minn ġod-dar baqa' jaħdem xogħol ta' skultura fl-injam. Kien ukoll disinjatur ta' ħafna opri ta' l-arti dekorattivi fosthom il-pulpti fil-knejjes parrokkjali ta' Ħal Lija, tal-Mosta u ta' San Gejtanu l-Ħamrun. Għar-Rotunda tal-Mosta ddisinja wkoll il-bankuni ta' l-istatwa ta' Santa Marija u diversi trieħi rrakmati bid-deheb għall-artali tal-Kappelli. Bħala disinjatur wera l-ħila tiegħu fl-artal maġġur fil-knisja parrokkjali tal-Gżira, fil-gwarniċi tal-Via Sagra fil-knisja parrokkjali ta' San Pawl ir-Rabat, fil-kor tal-knisja parrokkjali ta' San Pubbliju fil-Furjana, fl-Urna tal-Monument ta' Kristu Mejjet fost il-vari tal-Ġimgħa l-Kbira tal-knisja ta' Ġieżu r-Rabat u fil-pedestall ta' l-Istatwa ta' San Pietru fil-knisja parrokkjali ta' Birżebbuġa.

Fil-Knisja parrokkjali ta' l-Imsida nsibu l-bankun ta' l-istatwa ta' San Ġużepp, disinn u skultura fl-injam xogħol ukoll ta' Tonna, waqt li l-panewijiet u l-istatwetti tal-bronz saru mill-iskultur Ġanni Bonnici.

Għal ħafna każini f'Malta u f'Għawdex, Carmelo Tonna għamel xogħol ta' disinn u skultura. Fost dawn nistgħu nsemmu lapida kommemorattiva fl-irħam fil-Każin tas-Soċjetà Filarmonika ta' Santa Marija tal-Mosta fejn ukoll iddisinja bandalora bir-rakkmu tad-deheb li fiha xbiha ta' l-Assunta impittra minnu wkoll. Għall-każin tal-Banda Nicolò Isouard tal-Mosta għamel disinji ta' lapidi kommemorattivi. Għal Mosta wkoll iddisinja ħafna pilandri u pavaljuni għall-armar tal-festa ta' l-Assunta. Fuq disinn ta' Tonna saret lapida sabiħa ta' l-irħam u l-bronz fil-Każin tal-Banda Filarmonika San Ġużepp tal-Ħamrun.

Hemm ħafna xogħlijiet oħra ta' Carmelo Tonna inferrxin fi knejjes, każini u djar f'Malta u Għawdex kif ukoll pavaljuni u armar ieħor għall-festi ta' ħafna parroċċi.

L-istima li tixraq lil Carmelo Tonna ġiet murija mill-kleru mill-għaqdiet u mill-pubbliku meta fil-funeral tiegħu baħar ta' nies iffurmaw korteo fir-Rabat mill-Knisja ta' San Bastjan sal-knisja parrokkjali ta' San Pawl.



*Id-disinn tal-Bankun u l-Bradella ta' Carmelo Tonna, 28 ta' Awissu 1993*